*M'hemmx l-iċken dubju li kitbiet dwar l-Assedju l-Kbir tal-1565 għadhom iqanqlu interess kbir fost il-poplu tagħna u jaffaxxinaw ħafna lil dawk li għandhom għal qalbhom l-istorja ta' Malta. Wara l-artiklu tiegħi dwar il-Forti San Mikiel fl-Assedju l-Kbir li deher is-sena l-oħra f'dan il-ktejjeb, is-sur Ryan Muscat (editur) issuġġerixxa li għal din is-sena (2014) nkompli ngħaddilkom aktar tagħrif dwar din il-ġrajja kbira fl-istorja ta' pajjiżna u jien aċċettajt il-proposta tiegħu. L-istoriċi jgħidulna li jekk fuq is-swar tal-Forti San Mikiel u dawk tal-Isla saru taqtigħat imdemmija, daqshekk ieħor kien kbir u qalil il-ġlied li fuq il-Forti ta' Sant'Anġlu u s-swar tal-Birgu. Dwar il-Forti San Mikiel ktibt is-sena l-oħra - illum beħsiebni nikkonċentra l-aktar fuq il-ġlied aħrax, sider ma' sider li sar mill-kavallieri u s-suldati Maltin mat-Torok fuq is-swar tal-Posta ta' Kastilja fil-Birgu, fl-istess ħin u waqt li s-swar tal-Isla kienu qegħdin jiġu assedjati minn eluf ta' suldati Torok. Iżda qabel ma nidħol fir-rakkont tiegħi, fil-qosor ħafna, jien se jkolli nqalleb il-paġni tal-istorja biex flimkien naraw x'kienet il-kawża prinċipali li wasslet lis-Sultan Sulejman II (6 ta' Novembru 1494 - 7 ta' Settembru 1566) biex jibgħat flotta kbira biex taħbat u tirbaħ il-gżejjer Maltin...*

## *Frak mill-Istorja ta' Malta*

# Il-Posta ta' Kastilja fl-Assedju l-Kbir

**Joseph Serracino**



Wara t-telfa ta' Ġerusalem u aktar tard it-telfa tal-belt ta' Akri (1291), l-Ordni tal-Kavallieri sab kenn fil-gżira ta' Ċipru. Għatxan li jkollu t-territorju sorvan tiegħu, f'Awwissu tal-1309, wara sentejn ta' ġlied qalil mal-Biżantini, l-Ordni rebaħ il-gżira ta' Rodi u għamilha s-sede tagħhom. Hawnhekk l-Ordni bena l-flotta tiegħu! Iżda fl-1522 l-Imperatur Tork Sulejman 11 (il-Manjifiku) imdejjaq bl-influwenza kbira li kellha l-Ordni mal-pajjiżi tal-Ewropa u mbeżża' bit-theddida kontinwa li kellhom ix-xwieni Torok mill-flotta tal-Ordni waqt it-tbaħħir tagħhom fil-Mediterran huwa ddeċieda li jassedja l-gżira b'eżerċitu kbir u jkeċċihom minn fuqha. Wara assedju aħrax ta' sitt xhur, is-sultan Sulejman rebaħ il-gżira ta' Rodi, iżda mqanqal u mistagħġeb bil-qlubija kbira li wrew il-kavallieri matul l-assedju, huwa ħallihom joħorġu mill-gżira bl-unuri kollha.

L-istoriċi jgħidulna fl-1530 l-Imperatur Karlu V ta' Spanja, bl-approvazzjoni tal-Papa Klement VII, ta lil Malta bħala fewdu lill-Ordni ta' San Ġwann ta' Ġerusalemm. Peress li f'Malta, l-Ordni sabet port kbir u kenni, din ma damitx wisq biex reġgħet kisbet dik il-qawwa navali li kellha fil-gżira ta' Rodi. Sakemm il-kavallieri damu fuq din il-gżira huma ta' spiss kienu jbaħħru matul il-baħar Mediterran bla biża' ta' xejn u jattakkaw kull ġifen Tork li kienu jiltaqgħu miegħu. Hekk baqgħu jagħmlu kemm damu f'Malta, fejn il-Galeri u x-xwieni Maltin kienu joħorġu mill-port tagħna biex jgħassu l-ibħra ta' madwar gżiritna, u kull meta huma kienu jiltaqgħu ma' xwieni Torok jew Għarab kienu jattakkawhom, u wara li jeħilsu l-ilsiera Nsara kienu



L-Imperatur Karlu V ta' Spanja



Il-Papa Klement VII

jisirqu kulma jsibu fuqu. Ġara li fis-sena 1564 ix-xwieni Maltin iltaqgħu mal-Galjun Rjali Tork Sultana li kien fi triqtu lejn Venezja, attakkawh, u wara taqtigħa ħarxa li damet sejra tliet sigħat waqa' fl-idejn il-Maltin, u li aktar tard, fost ferħ u briju kbir daħħluh fil-port u saru festi kbar.

Is-sultan Sulejman kien ilu żmien jisma' bil-qawwa navali li kellha l-Ordni ġewwa Malta, u għalhekk, meta sema' bl-aħbar li l-Galjun Rjali Sultana kien inqabad mill-Maltin għadab ħafna u ħalef li jeqred lill-Ordni tal-Kavallieri darba għal dejjem. Ftit tal-jiem wara, ix-xwejjaħ Sultan li issa kellu madwar 70 sena, sejjaħ malajr il-kunsill tal-gwerra u ordna li tintbagħat flotta kbira biex tassedja lil Malta u teħodha. B'hekk biss huwa seta' jserraħ moħħu li dak li ma wettaqx tlieta u erbgħin sena qabel (1522) ġewwa Rodi, seta' jtemmu issa bis-suldati li kellu. Huwa kien jemmen ukoll, li ladarba tinqered l-Ordni ta' San Ġwann, magħha jinqerdu wkoll dawk il-potenzi kbar li għinuha terġa' tissaħħaħ. U biex żgur jasal fl-għan tiegħu, is-Sultan Sulejman ħatar lil Mustafa Baxa bħala l-kmandant suprem tal-eżerċtu Tork u lil Piali Baxa bħala ammirall tal-flotta Torka. Skont l-istoriku Tork Pecevi, il-flotta Ottomana kienet tikkonsisti madwar 300 biċċa tal-baħar u li dawn kienu jvarjaw minn Xwieni, Xambekki, Galljazzi u kull tip ta' bċejjeċ oħra tal-baħar. Biex tkompli tissaħħaħ din qawwa militari, ftit jiem wara li beda l-assedju, waslu f'Malta, il-Viċi Sultan tal-Alġiel u l-korsar Dragut b'4000 suldat ieħor.


Is-Sultan Tork Sulejman II


Mustafa Baxa


Piali Baxa

Meta l-Gran Mastru Jean de La Valette rċieva l-aħbar mingħand Ġwanni Borelli (spija Venezjan ġo Kostantinopli) li t-Torok kienu qegħdin iħejju flotta kbira biex jaħbtu għal Malta, huwa minnufih talab l-għajnuna lis-slaten Insara u ordna lill-Kunsill tal-Kavallieri biex jibagħtu għall-kavallieri li kienu mxerrdin fil-pajjiżi tal-Ewropa u jinkarigahom biex isibu merċinarji (suldati bi ħlas) biex jiġu f'Malta u jgħinu lill-Ordni. Barra hekk, huwa ħeġġeġ lill-Kavallieri u lis-suldati Maltin u barranin biex jibqgħu jissieltu sal-aħħar u jmutu għall-Fidi ta' Kristu u għal Malta.


Il-Gran Mastru Jean De La Vallette

Il-qawwa militari mmexxija mill-kavallieri taħt il-kmand suprem tal-Gran Mastru Jean de la Valette kienet tikkonsisti f'592 kavallier, f'5,820 suldat Malti u f'1,709 suldat barrani fosthom Taljani, Sqallin u Spanjoli mqassmin f'erba' postijiet differenti, fil-Forti Sant'Iermu, fl-Imdina, fil-Birgu u fl-Isla. Il-kumplament ta' Malta kienet f'idejn it-Torok.

Sintendi l-maġġoranza tal-Kavallieri mseħħbin mas-suldati Maltin u barranin kienu qegħdin jiddefendu liż-żewġ fortizzi ta' Sant'Anġlu u ta' San Mikiel u mxerrdin matul is-swar tal-Birgu u tal-Isla, waqt li fuq ix-xaqliba l-oħra tal-port, madwar 100 kavallier u 400 mitt suldat qalbieni ħalfu li jiddefendu sal-mewt lill-Forti Sant'Iermu.

Id-daħla ta' Port ix-Xwieni bejn l-Isla u l-Birgu kienet magħluqa b'katina kbira li kienet inħadmet f'Venezja u katina oħra tpoġġiet 'il ġewwa fil-port fejn sa ftit tas-snin ilu kienet tibda t-tarzna u taħtha tqiegħed irprar li kien jasal sal-qiegħ biex it-Torok ma jkunux jistgħu jidħlu 'l ġewwa mill-katina u jattakkaw ix-xtut tal-Isla u l-Birgu li ma kinux fortifikati. B'hekk id-daħla tal-Port ix-Xwieni ngħalqet miż-żewġ naħat. Ftit jiem qabel l-assedju nbena pont bil-planki tal-injam bejn l-Isla u l-Birgu biex tkun tista' tintbagħat l-għajnuna minn naħa għall-oħra.

Aktar bħala miżura ta' difiża milli att ta' kefrija, Il-Gran Mastru ordna li l-klieb kollha li kien hemm ġol-Birgu u ġol-Isla jiġu maqtula għaliex instab li l-inbiħ tagħhom kien qed ifixkel ħafna lis-suldati tal-għassa, u biex ikun ta' eżempju u żgur tiġi esgwita l-ordni tiegħu hu qatel lill-kelb li tant kien għal qalbu.

**Il-wasla tal-flotta Torka**

Fl-għodwa tat-18 ta' Mejju 1565, il-flotta Torka ntlemħet fuq ix-xefaq riesqa bil-mod lejn il-Port il-Kbir. Mad-dehra tal-flotta ngħataw tliet tiri ta' kanun mill-Forti Sant'Iermu u tlieta oħra minn Sant'Anġlu, segwiti bi tliet tiri oħra mill-Imdina u tlieta oħra miċ-Ċittadella ta' Għawdex. Dan is-sinjal ta' twissija ġiegħel lill-poplu jiġbor ħwejġu u l-merħliet tiegħu u jidħol jistkenn wara s-swar tal-Isla, il-Birgu u tal-Imdina. Waqt li d-dehra ta' dawn l-imriekeb kollha mimlijin suldati Torok u Għarab mill-pajjiżi tal-Barbarija (Afrika ta' Fuq) werwret lill-poplu tagħna u fakkritu fin-niket u fil-ħerba kbira li ħalla warajh l-Assedju ta' Għawdex tal-1551, din id-dehra



Ritratt tal-istatwa ta' Marija Bambina ħierġa għall-purċissjoni mill-bieb prinċipali tal-knisja l-antika fis-snin ta' qabel il-gwerra.



Il-Forti Sant'Anġlu fil-Birgu




Iċ-Ċittadella fir-Rabat (Għawdex)

massiċċa tal-flotta Torka ftit mili 'l bogħod mill-port beżżgħet ukoll lill-kavallieri anzjani u fakkrithom fl-Assedju tal-Rodi u t-telfa kbira li huma ġarrbu fuq dik il-gżira.

L-għada tal-iżbark tagħhom f'Marsaxlokk (21 ta' Mejju), it-Torok riedu juru l-qawwa u l-kobor tal-armata tagħhom u bdew resqin bil-kanuni tagħhom lejn l-Isla u l-Birgu. Fuq l-ogħla postijiet li jdawru dawn il-bliet huma ppustaw il-batteriji tagħhom b'kanuni kbar minn fejn setgħu faċilment jattakkaw is-swar taż-żewġt ibliet. Fuq id-direzzjoni tal-Ġeneral Mustafa Baxa, huma ppustaw batterija ta' kanuni kbar fuq l-Għolja tas-Salvatur u oħra fil-Kalkara minn fejn setgħu jimbumbardjaw lill-Forti Sant' Anġlu u s-swar tal-Birgu li kienu jħarsu lejn il-Kalkara, batterija kbira oħra ġiet ippustata fuq l-Għolja ta' Santa Margerita biex permezz tagħha jimbumbardjaw is-swar tal-Birgu li kienu faċċata ta' Bormla, batterija oħra fuq l-Għolja ta' San Ġwann t'Għuxa biex biha jattakkaw lis-swar tal-Birgu u tal-Isla li kienu jħarsu lejn Bormla waqt li batterija kbira oħra ġiet ippustata fuq l-Għolja ta' Kordin biex it-Torok ikunu jistgħu jattakkaw lis-swar tal-Isla li jagħtu għax-xaqliba ta' Daħlet il-Franċiżi. Barra dawn il-batteriji, it-Torok ippustaw żewġ batteriji oħra, waħda f'Ras Ħanżir biex jimbumbardjaw is-swar tal-Ponta tal-Isla u oħra kbira fuq l-Għolja Xebb ir-Ras ( ftit 'il fuq mill-*Vittoria Gate*) biex biha jimbumbardjaw lill-Forti Sant' Anġlu u s-swar li jdawru l-Ponta tal-Isla.

L-istoriċi jgħidulna wkoll li waranofsinhar it-Torok niżlu l-armata tagħhom quddiem is-swar tal-Isla u l-Birgu, u fost id-daqq tat-tnabar, għajjat li jtarrax u tixjir ta' bnadar bdew jisparaw bl-ixkubetti u l-vleġeġ tagħhom lejn is-swar. Din il-wirja ta' saħħa ma qatgħetx qalb is-suldati Maltin u lanqas dgħajfet il-moral qawwi tal-kavallieri. Fil-fatt, l-avvanz tal-armata Torka ġie milqugħ minn battaljun ta' 600 ruħ tal-fanterija u l-kavallerija taħt il-kmand tal-Marixxal Coupier. Il-Balliju Negroponte u l-Kommentatur De Guares ħarġu lin-nies tagħhom mill-bieb tal-Isla, il-kavallier Romegas ħareġ bir-riġment tiegħu mill-bieb ta' Provenza waqt li l-kaptan Medrano ħareġ b'riġment ieħor mill-bieb ta' Kastilja. Dawn ir-riġmenti tqabdu mat-Torok li kienu ffurmati mill-Ġannizzari u mill-Ispahi u bdew jisparaw fuqhom biex ma jħalluhomx javvanzaw lejn is-swar. Jingħad li din taqtigħa mdemmija damet sejra aktar minn ħames sigħat u li fiha nqatlu ħafna Torok.



Il-Kavallier Romegas

Matul dan it-taqbid Mustafa Baxa, l-ammirall Pjali u l-Ġenerali tagħhom kienu qegħdin josservaw l-andament tal-ġlied minn fuq l-Għolja tas-Salvatur. Meta Mustafa ntebaħ li ż-żewġ Kavallieri De Riviere u Faraone, li kienu nqabdu priġunieri mis-suldati tiegħu wara li sfaw feruti f'taqtigħa mdemmija fil-jum ta' qabel fiż-Żejtun kienu daħku bih meta qalulu li s-swar ta' Kastilja kienu l-aktar swar dgħajfa fil-Birgu ordna liż-żewġ kavallieri jinqatlu.

Wara assedju qalil ta' 33 jum, il-Forti Sant'Iermu waqa' f'idejn it-Torok fit-23 ta' Ġunju. Il-prezz tar-rebħa Torka kien kbir ħafna għaliex fl-aħħar attakk fuq il-Forti huma tilfu lil Dragut li kien meqjus bħala wieħed mill-aqwa ġenerali li kellha l-armata Torka u 9,000 suldat. Wara r-rebħa fuq Sant'Iermu, Mustafa dawwar ħarstu fuq il-Birgu u l-Isla, u ppropona li jattakkawhom flimkien. Mustafa kien jaf tajjeb li biex jirbaħ lill-Isla u lill-Birgu kien meħtieġ li jattakkawhom flimkien mill-art u mill-baħar, u b'hekk ma jagħtuhomx iċ-ċans li jintbagħtu r-rinforzi minn naħa għall-oħra. Iżda Pjali



Dragut



L-armata Torka tipprepara biex tattakka lill-Forti San Mikiel u s-swar ta' Kastilja tal-Birgu.



Wieħed mill-attakki ħorox tat-Torok fuq il-Posta ta' Kastilja.

ma qabilx miegħu u ssuġġerixxa li qabel jattakkawhom jistieden lill-kavallieri biex iċedu l-gżira bl-unuri kollha tal-gwerra.

Xi storiċi jsostnu, li l-eqqel bumbardamenti u l-eħrex attakki li saru matul l-Assedju l-Kbir saru fuq il-Forti San Mikiel u s-swar ta' Kastilja fil-Birgu. Wara diversi assalti ħorox mill-art u l-baħar u bumbardamenti kontinwi lejl u nhar mill-batteriji li t-Torok kellhom fuq l-Għolja ta' Kordin u fuq Sant'Ġwann t'Għuxa fuq il-Forti San Mikiel u s-swar tal-Isla, u l-bumbardamenti qliel fuq il-forti ta' Sant' Anġlu u fuq is-swar tal-posta ta' Kastilja mill-batteriji li t-Torok kellhom fuq l-Għoljiet tas-Salvatur, tal-Kalkara u ta' Santa Margerita partijiet kbar mis-swar bdew jiġġarrfu.

Fis-7 ta' Awwissu Mustafa u l-Ġenerali tiegħu ddeċidew li jagħmlu attakk ġenerali fuq iż-żewġ fortizzi. Il-Ġenerali Torok kienu tal-fehma li jekk jirbħu lill-Isla huma setgħu jidħlu fil-Birgu billi jaqsmu l-baħar. B'dan il-ħsieb f'moħħhom, wara sensiela ta' bumbardamenti fuq is-swar huma attakkaw is-swar tal-Forti San Mikiel u tal-Isla mill-art u l-baħar bi 8,000 suldat u fl-istess ħin attakkaw lis-swar ta' Kastija b'4,000 suldat ieħor.

## Is-swar ta' Kastilja fl-Assedju

L-attakki fuq il-Posta ta' Kastilja kienu qliel ħafna u matulhom mietu ħafna suldati, l-aktar Torok. Aktar ma beda għaddej ħin, aktar l-attakki bdew joktru u jiħraxu. F'ħin minnhom, bejn attakk u ieħor it-Torok taw in-nar lill-mina li huma kienu ħaffru taħt is-swar tal-posta ta' Kastilja, u ma l-isplużjoni nfetħet prexxa (passaġġ) fis-swar. Iżda l-kavallieri u s-suldati Maltin ma tilfux rashom, u bi qlubija kbira komplew jiddefendu s-sur f'taqtigħa ħarxa sider ma' sider ma' mijiet ta' ġannizzari Torok, li mal-isplużjoni ġrew lejn il-fetħa fis-sur u ppruvaw jidħlu fil-Belt. Fost għajjat li jtarrax u taqbid li jwaħħax l-Insara rnexxielhom irażżnu l-qilla tat-Torok, iżda f'ħin minnhom it-Torok irnexxielhom jegħlbu r-reżistenza qalbiena tas-suldati Nsara, telgħu fuq is-sur tal-Posta ta' Kastilja u taw is-salt biex jidħlu fil-Birgu.

Mal-isplużjoni tal-mina wieħed mill-kavallieri ġera lejn il-pjazza tal-Birgu u talab lill-Gran Mastru biex minnufih jibgħat is-suldati tiegħu jgħinu lid-difensuri jrażżnu l-avvanz tal-għadu Tork li kien tela' fuq is-sur tal-Posta ta' Kastilja. Beżgħan li t-Torok setgħu minn ħin għall-ieħor jidħlu fil-belt, il-Gran Mastru ħataf lanza b'idejh u waqt li dar fuq il-kavallieri u s-suldati li kellu madwaru, b'kuraġġ kbir u bi kliem li jqanqal ħeġġiġhom biex imorru miegħu fil-post tat-taqbid u hemmhekk imutu għal Kristu.

Kliem il-Gran Mastru tant qanqal lill-kavallieri u lis-suldati li kellu madwaru, li b'kuraġġ kbir fuqhom ġrew lejn il-Posta ta' Kastilja u b'qilla kbira nxteħtu fuq it-Torok, li mifxula bil-ħeġġa u l-qlubija tal-Insara reġgħu rtiraw lejn it-trunċieri tagħhom u b'hekk l-assedju mdemmi fuq is-swar tal-Posta ta' Kastilja spiċċa b'rebħa kbira għall-Insara. F'din it-taqbida l-Gran Mastru La Valette ġie ferut f'riġlu aktarx minn xi laqxa mtajra minn balla. Kien proprju f'waqt dan il-ħbit aħrax li kien qed isir fuq is-swar ta' San Mikiel u s-swar tal-Birgu li l-kavallerija ħarġet mill-Imdina, niżlet il-Marsa u attakkat it-tined tat-Torok u qatlet lis-suldati morda u lill-feruti li sabet fihom, b'konsegwenza li t-Torok meta ntebħu li t-tined tagħhom fil-Marsa ġew attakkati, ħawdu għax ħasbu li kienet waslet l-għajnuna minn Sqallija, u fost fixkla kbira waqfu l-attakki tagħhom fuq l-Isla u l-Birgu, irtiraw lejn it-trunċieri tagħhom u lestew ruħhom għal li jista' jinqala'.

L-irtirar tat-Torok kien ta' sulliev kbir għall-Insara, għaliex is-swar tal-Birgu li kienu jħarsu lejn Bormla kienu kważi mġarrfin kollha, u t-Torok, kull meta kienu jattakkawhom kienu kważi jistgħu jibqgħu deħlin ġol-Birgu. Minħabba l-qagħda ħażina tal-fortifikazzjoni, il-Gran Mastru La Valette ngħata l-parir biex il-Birgu jiġi abbandunat u jirtiraw fil-Forti Sant'Anġlu, iżda l-Gran Mastru mal-ewwel oppona dan is-suġġeriment, għaliex fehem li kieku kellu jaċċettah l-Isla wkoll kienet tintilef. Biex żgur il-kavallieri u s-suldati jkomplu jiddefendu lill-Birgu, huwa ta ordni li jiġi mġarraf il-pont bejn Sant' Anġlu u l-Birgu u l-id ta' San Ġwann tibqa' fil-knisja ta' San Lawrenz.

Fil-jiem ta' wara t-Torok komplew bil-bumbardamenti u b'diversi attakki oħra fuq is-swar tal-Birgu u tal-Isla, iżda l-aktar attakk qawwi fuq skala akbar minn dak li sar fis-7 ta' Awwissu seħħ fl-20 ta' Awwissu, meta din id-darba, l-armata Torka kienet taħt il-kmand suprem ta' Mustafa Baxa. Kien ġie deċiż li jsir attakk ġenerali mill-art u l-baħar fuq iż-żewġ fortizzi bit-tama li jirbħu waħda minnhom. Wara sigħat ta' taqbid imdemmi, is-suldati ġannizzari rnexxielhom jidħlu fis-swar ta' Kastilja. F'taqtigħa mdemmija li damet sejra madwar tliet sigħat, it-Torok irnexxielhom jimbuttaw lid-difensuri Nsara 'l ġewwa mis-swar. L-aħbar li t-Torok daħlu fil-fortizza ġriet bħal berqa mal-Birgu kollu u qajmet paniku kbir fost il-poplu tal-belt.

Din id-darba wkoll il-Gran Mastru La Valette bis-suldati u l-poplu warajh ġera lejn il-Posta ta' Kastilja, u waqt li bix-xabla f'idu daħal f'nofs it-taqbida huwa beda jħeġġeġ lid-difensuri biex ikomplu jiddefendu s-swar u jmutu għall-fidi ta' Kristu. Il-qlubija tax-xwejjaħ Gran Mastru kebbset b'kuraġġ kbir lis-suldati li b'kuraġġ tal-għaġeb u b'qilla kbira fuqhom intefgħu fuq it-Torok u qatlu bosta minnhom. Dawk li rnexxielhom jaħirbu mill-qilla tad-difensuri tilfu ħajjithom taħt id-daqqiet tax-xwabel tal-kavallieri li b'ħeġġa u bi qlubija kbira bdew jiddefendu lill-Gran Mastru u bil-balal tal-azzarini tas-suldati.

Għalkemm din ir-rebħa kompliet qawwiet qalb il-Gran Mastru u wriet tabilħaqq kemm kienu qalbiena s-suldati Maltin, huwa kien jaf li s-swar ma kinux jifilħu aktar għall-bumbardamenti kontinwi tal-għadu Tork, u li l-għajnuna immedjata minn Sqallija biss setgħet twaqqaf l-assedju li issa kien daħal fit-tielet xahar tiegħu. Huwa kien jaf ukoll li għalkemm it-Torok kienu tilfu eluf kbar ta' suldati, b'danakollu huma kienu għadhom b'saħħithom biżżejjed biex jinfurzaw assedju fit-tul li finalment seta' jrebbaħhom il-gżira.

Iżda x-xwejjaħ Gran Mastru li minn dejjem kien devot kbir tal-Madonna ħalla f'idejha d-destin ta' Malta u l-Ordni tiegħu. Wara aktar bumbardamenti qliel fuq is-swar mġarrfa tal-Isla u tal-Birgu, fis-7 ta' Settembru, lejlet il-festa tat-twelid tal-Madonna, il-Gran Mastru rċieva l-aħbar li l-għajnuna minn Sqallija taħt il-kmand ta' Don Garcia kienet waslet u żbarkat fil-Marfa u bdiet nieżla lejn l-Imdina.

Meta l-aħbar tal-wasla tal-eluf ta' suldati Nsara waslet f'widnejn it-Torok, dawn abbandunaw it-trunġieri tagħhom u ġrew lejn il-Marsa u l-Għolja Xebb ir-Ras. L-għada, it-8 ta' Settembru, fil-Knisja ta' San Lawrenz, il-Gran Mastru flimkien mal-kavallieri u l-Maltin irringrazzjaw lil Alla bil-kant tat-*Te Deum* għar-rebħa kbira li tahom f'jum it-twelid ta' Ommu Marija.

**Riferenzi**

Andrew P. Vella: Storja ta' Malta
Ernle Bradford: The Great Siege – Malta 1565.
Mons. E. Coleiro: L-Assedju l-Kbir
Francisco Balbi: The Siege of Malta (Traslated by Ernle Bradford)
Vincent Zammit: Il-Gran Mastri, Numru 3 u 4.



Mobile: 79 925 061
145, Victory Street,
Senglea

JES - PET
BAR
189, Triq iż-Żewġ Mini, Senglea
Mob: 7929 5321
ISERVI APPETIZERS U DRINKS ĠENWINI
